# Smigħ Teleskopju 5

**Testi tal-podcasts li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/podcasts/teleskopju-5/**

## Taqsima 2: Il-laboratorju misterjuż

*Paġna 14*

Kelli nsib mod kif nidħol f'dak il-bini. Il-kurżità għelbitni u ma stajtx niġġildilha. Bħal tkexkixa ta' bard telgħet inkiss inkiss mas-sinsla ta' dahri. Jien ma kellix xi kuraġġ ta' barra minn hawn. Anzi, kont ftit beżżiegħa. Tgħidlix nara wirdiena mingħajr ma ntarrax widnejn kulħadd bit-twerżiq. Imma l-kurżità kienet qawwija tant li ma stajtx negħlibha. U ta' spiss kienet iġġibni fl-inkwiet. Bħal dik id-darba li ridt bilfors inkun naf x'kellha l-Miss fil-basket, ngħidu aħna. U qabditni nqalleb fih fil-break. OK, dik avventura li aħjar ninsieha. *(par. 1)*

Barra minn hekk, u ħafna aktar importanti, il-ġenituri u l-għalliema dejjem qaluli biex ma nkunx waħdi ma' nies li ma nafhomx. U dan il-Professur żgur li ma kontx nafu. Imma l-kurżità li kelli qaltli li, hekk jew hekk, lilu ma kontx se nkellmu. Lanqas biss kont se noqrob lejh. Kulma kont se nagħmel nittawwal ġo daru biex nara x'hemm. Bellajtha lili nnifsi li b'daqshekk kollox kien sew. *(par. 2)*

Qegħdin taraw kif il-kurżità żejda tista' tkun perikoluża? Ma jmissni qatt mort xi mkien fejn kont se nkun waħdi mal-istranġieri. Imma jien rasi iebsa stanga u la kont iddeċidejt, xejn ma kien se jbiddilli ħsiebi. *(par. 3)*

Il-problema li kelli issa kienet kif se nidħol fid-dar tal-Professur Għasfur. Dort darbtejn mal-bini, imma t-twieqi tal-kmamar ta' isfel kienu fl-għoli wisq biex nilħaqhom. Mid-dehra kien hemm kantina li għolliet sew l-ewwel sular. Imma anke kieku kont nilħaqhom, kienu jidhru msakkrin, u jien ma kontx naf kif niftaħ twieqi msakkrin. *(par. 4)*

Mort quddiem il-bieb ta' barra u flejtu minn fuq sa isfel. Imma magħluq kien u magħluq baqa'. Deher li ma kien hemm l-ebda mod kif nidħol f'dik id-dar mingħajr ma l-Professur ikun jaf. Kont għajejt. Il-mixja kienet twila, u issa kont ili fuq saqajja ndur mad-dar. Mattart driegħi l-lemini u serraħtu ma' waħda mill-bibien magħluqa. U din, bil-mod il-mod, u b'żaqżiqa, infetħet. Iċċassajt lejha mibluha. Jidher li l-bieb kien magħluq, imma mhux imsakkar. Quddiemi kien hemm kuritur twil, skur, mhux mixgħul u jisparixxi fil-fond. Imma stajt nara l-ewwel biċċa minn taraġ li x'aktarx kien iwassal għall-ewwel sular. Qalbi bdiet tħabbat aktar bil-qawwi issa. *(par. 5)*

*Meħuda minn* Il-Professur Għasfur *ta' Ġorġ Mallia*

## Taqsima 4: Moħħok hemm!

*Paġna 29*

“Jiġifieri ma nistgħux noħorġu barra?” staqsiet Melanie b’għajnejn kbar li kważi kważi kienu se jibdew idemmgħu.
“Nistgħu noħorġu,” qalet il-mamà, “imma ma tistgħux tkunu qrib tfal oħra. Imbilli mmorru passiġġata ma jkun ġara xejn, imma rridu nżommu ’l bogħod min-nies.”
“Mela kemm hi kattiva dil-marda?” kien pront qal Karl, li kien qagħad sieket jisma’ kollox. “Biex lanqas man-nies l-oħra ma nistgħu noqogħdu!”
“Tista’ tkun kattiva ma’ min ma jiflaħx jew max-xjuħ,” qal il-papà. “Għalhekk irridu noqogħdu attenti … li ma mmorrux nieħdu l-virus u nispiċċaw ngħadduhulhom bla ma nafu.” *(par. 1)*

Melanie nfaqgħet tolfoq u tibki kemm tiflaħ, donnha qalbha trid toħroġ. Il-mamà ħaddnitha magħha u kkalmatha kif setgħet. Meta l-ilfiq batta xi ftit, għajnejn Melanie telgħu lejn wiċċ ommha. “Imma jien ’in-nanniet inħobbhom!” qalet b’nofs twerżiqa hekk kif reġgħet bdiet tibki. “U mhu se jiġrilhom assolutament xejn jekk ma mmorrux narawhom għalissa, u joqogħdu weħidhom id-dar,” qalet il-mamà tmellsilha xagħarha u tagħfasha magħha. “Isa, kollox jgħaddi b’wiċċ il-ġid, imma sadanittant irridu noqogħdu d-dar kemm nistgħu.”*(par. 2)*

“Lanqas għand Pawlu ma nista’ mmur?” staqsa Karl, li donnu kien għadu ma fehemx kollox. “Se nimmissjah ħafna issa li l-iskola magħluqa.”
“Mhux għalissa,” qaltlu l-mamà. “Xi tgħid jekk, meta jgħaddi kollox, nagħmlu party u nistiednu lill-ħbieb tagħkom kollha, eh?”
Il-papà kemmex ftit moħħu. “Martina, ma taħsibx li wara li jintemm kollox għal ftit xorta mhux se nkunu nistgħu niltaqgħu ħafna nies flimkien?” *(par. 3)*

Il-mamà tatu daqqa ta’ sieq minn taħt u ħarset lejh bl-ikrah. U fehem. Ma setgħux jgħidu hekk lit-tfal li diġà kienu mwerwrin minn sitwazzjoni li qatt ma kienu għaddew minn waħda bħalha qabel. Xi ftit jew wisq kien inkwetat, imma kien jaf li jekk jirnexxilhom jibqgħu ġewwa kemm jista’ jkun bħala familja, u jżommu ’l bogħod minn kulħadd, kollox kien se jgħaddi b’wiċċ il-ġid. *(par. 4)*

*Meħuda minn* L-Avventura Msaħħra ta’ Melanie u Karl *ta’ Ġorġ Mallia*

## Taqsima 6: Praspar fl-iskola

*Paġna 42*

Simone malajr ħadet lil Sylvana f’kamritha. Sylvana fetħet par għajnejn daqsiex. Il-kamra ta’ Simone kienet impekkabbli, u l-ktieb tal-ġeografija kien miftuħ fuq l-iskrivanija.
U l-kollezzjoni tal-pupi tagħha ma kienet tidher imkien. Iżda ma kien hemm l-ebda periklu li se jilagħbu bihom! Għax minkejja li Simone u Sylvana kienu l-akbar ħbieb tad-dinja, il-gosti tagħhom kienu totalment differenti. *(par. 1)*

"Dan biex ommok temmen li se nkunu qed nistudjaw?" staqsietha hija u tipponta lejn l-iskrivanija fejn Simone kienet qiegħdet siġġu ħdejn tagħha.
"Le! Poġġejtu biex nistudjaw … ta' veru! Mhux int stess għedtli li taqbel?"
"Jien għedtlek li naqbel li tgħinni naħdem! Ejja, nibdew, midd idek! Għandi bżonn ngħidlek sigriet kbir!" *(par. 2)*

Simone, kburija biha nnifisha li qed tilgħabha ta' għalliema tal-iskola, poġġiet bilqiegħda wara l-iskrivanija u tat is-siġġu l-ieħor lil Sylvana.
"Ejja, oħroġ il-ktieb mill-basket!"
"Liema wieħed?" staqsietha Sylvana, tagħmilha tal-baħnana.
Simone mill-ewwel bdiet taqta' qalbha u ntelqet fuq l-iskrivanija, rasha bejn idejha.
"Imissni indunajt li se tkun impossibbli."
Sylvana bdiet tfaqqa' d-daħq.
"U le!" qaltilha.
Ħarġet il-ktieb tal-ġeografija mill-basket tagħha, fetħitu, u għal żewġ minuti sħaħ segwiet b'attenzjoni l-lezzjoni. *(par. 3)*

"Tajjeb, għamilnieha," qalet Sylvana hi u tagħlaq il-ktieb. "Issa nistgħu ngħaddu għal kwistjonijiet serji. Mela, din hija problema tal-matematika li kieku togħġbu lis-Sir Julian … ħlief li fil-verità m'hemm l-ebda problema. Għandi €50 fil-karus tiegħi u dak huwa eżattament il-prezz tal-kitt *Iftaħ Par Widnejn Kbar* li qed jinbiegħ fuq l-internet. B'dan l-apparat ġenjali ta' spjunaġġ inkunu nistgħu nisimgħu minn wara l-ħitan. Qatt intbaħt li t-toilets tal-bniet qegħdin ħajt ma' ħajt mal-kamra tal-għalliema?" *(par. 4)*

F'daqqa waħda Simone nesietu kompletament l-eżami tal-ġeografija. Għajnejha berrqithom bil-biża'. Mill-ewwel fehmet fejn kienet sejra b'rasha Sylvana. Did-darba seħbitha kienet qabżet kull limitu. Kienet se tispiċċa l-ħabs, u hi wkoll, bħala l-kompliċi tagħha! Għax hi kienet taf sew li kien se jkollha bilfors issegwi lil Sylvana. Diġà bdiet timmaġinaha mal-art fit-toilets, tissemma' minn wara l-ħajt, imwerwra li jismagħhom xi ħadd … *(par. 5)*

It-tifla bdiet ixxengel rasha, iddisprata.
"Le, le, ma tistax tagħmel xi ħaġa hekk!"
Sylvana għolliet spallejha.
"U mela ma nistax!" *(par. 6)*

*Addattament għall-Malti ta' Loranne Vella meħuda minn* Par Widnejn Kbar

## Taqsima 8: Kreaturi meraviljużi

*Paġna 58*

**Kont taf li …?**

Il-kelma "dragun" ġejja mill-kelma Griega drakön, li ġejja mill-verb derkomai, li tfisser: "Osserva b'attenzjoni kbira". *(par. 1)*

**Tajbin jew ħżiena?**

Fl-Asja, id-dragun huwa protettur, kif ukoll simbolu ta' ġid u għerf. Min-naħa l-oħra, fil-Punent jassoċjawh mal-ħażen u mal-qerda. Il-qaddisin u l-kavallieri dejjem kienu jiġġieldu kontrih, biex ma nsemmux il-ħlejjaq l-oħra immaġinarji (u mhumiex) li kemm-il darba tqabdu miegħu, bħall-iljunfanti u l-unikorni. Fit-tradizzjoni tal-Punent, id-dragun huwa rettilu enormi bil-ġwienaħ li jonfoħ in-nar. Iġġieldu kontrih kemm nies qalbiena kif ukoll allat. *(par. 2)*

**Veru jew falz?**

Mill-antikità sa nofs is-seklu tmintax, vjaġġaturi bħal Marco Polo u għorrief bħal Leonardo da Vinci kienu jemmnu li d-dragun kien annimal li jeżisti verament. Iżda llum inqisu dawn il-mostri bħala frott tal-immaġinazzjoni, bħalma huma l-unikorni. *(par. 3)*

**Il-Ħalq**

Id-dragun jidher qisu kukkudrill tan-Nil, annimal li kienu ilhom ħafna jafu bih fl-Ewropa. L-għajta maħnuqa tiegħu theżżeż l-art, u ħalqu jinten għax minnu jonfoħ in-nar. *(par. 4)*

**L-għajnejn**

Id-draguni għandhom vista eċċellenti u kapaċi jaraw sal-inqas dettall tal-priża tagħhom minn bosta kilometri 'l bogħod. Apparti minn hekk, il-kpiepel t'għajnejhom huma trasparenti u taħsibhom li qatt ma jorqdu. *(par. 5)*

**Il-ġwienaħ**

Id-draguni bdew jagħmlulhom il-ġwienaħ mis-seklu ħmistax 'l hemm. Għall-ewwel kellhom ġwienaħ bir-rix iżda wara biddluhomlhom għal dawk ta' farfett il-lejl, jew ta' dimonju. *(par. 6)*

**Kif jattakka**

Id-dragun kapaċi jattakka bin-nar, b'denbu, bid-dwiefer u bil-qrun. Wara n-nirien, id-dwiefer huma l-iktar arma perikoluża li għandu. Fihom 30 ċentimetru u jistgħu jċarrtu l-korazza ta' kavallier. Id-draguni għandhom dwiefer twal, bħal dawk tal-ajkla. *(par. 7)*

**Natura ta' rettilu**

Minkejja li d-draguni huma speċi differenti t'annimali, bosta nies jimmaġinawhom jixbhu ħafna lis-sriep: jitkaxkru, jitgħaqqdu u jinħallu, miksijin bil-qxur, ilsienhom mifruq fi tnejn u b'ħarsa li tkexkex. Is-soltu d-dragun ikun aħdar b'żaqqu bajda iżda hemm minnhom li huma ħomor, suwed jew lewn id-deheb. *(par. 8)*

**Id-denb**

Denb id-dragun huwa kbir u flessibbli. Xi drabi jużah biex jixxabbat mas-siġar. Ma tantx nilmħuhom għax id-draguni jippreferu jtiru milli jiġru fuq l-art. *(par. 9)*

*Addattament għall-Malti ta' Noel Tanti meħuda minn* Niskopru d-Draguni

## Taqsima 10: Tibda l-avventura

*Paġna 71*

Billi issa kienu bin-nofstanhari, Fabrizio kien ftiehem mal-oħrajn biex jiltaqgħu għal xi s-sagħtejn. Il-ħsieb kien li jmorru biswit il-kappella ta' Santa Speranza. Qagħdu bilqiegħda fl-art filwaqt li Fabrizio ħareġ il-pitazz tan-nannu. Imbagħad beda jmexxi l-lapes fuq il-pitazz. Din id-darba ma nħasdux hekk kif bdiet tinstema' l-vuċi tan-nannu: *(par. 1)*

"Għeżież tiegħi, Fabrizio u Claire. Jekk tridu tistgħu tgħidu lill-ħbieb tagħkom, Valerie u Kareem. Iżda lil ħadd iżjed. Dan hu s-sigriet tiegħi u tagħkom. Jekk isir jaf bih ħaddieħor ma jibqax tagħna u jispiċċa fix-xejn. Forsi rajtuha daqsxejn stramba li kulma ħallejtilkom kien pitazz vojt, lapes u dak l-imbierek oġġett li intom issejħulu mowbajl. Issa l-pitazz, ladarba qed tisimgħuni, tafu għal xiex iservi u kif tridu tużawh. Forsi ndunajtu wkoll li l-lapes fih żewġ ponot. B'ponta minnhom – dik li ma tiktibx – tisimgħu leħni billi tmexxuha fuq il-pitazz stess. Bl-oħra tistgħu tiktbu dak li tixtiequ tistaqsuni. Dejjem użaw l-aħħar paġna. Tibżgħux, din qatt m'hija se timtela għax kull meta tagħlqu l-pitazz, din titħassar weħidha." *(par. 2)*

"Dak l-oġġett jekk tridu ssejħulu mowbajl, sejħulu hekk. Però mhuwiex mowbajl tas-soltu, bħal dawk li llum issibhom għand kulħadd. Dak mowbajl speċjali. Dak mowbajl taż-żmien. Bih, jekk toqogħdu attenti, tistgħu titgħallmu ħafna, u tieħdu pjaċir ukoll. Bih se tidħlu f'ħafna avventuri. Bih se tkunu tistgħu tivvjaġġaw fiż-żmien." *(par. 3)*

"Kif? Semplici. Billi tagħfsu n-numru tal-ġurnata, ix-xahar u s-sena li tridu tmorru fiha. Biex nieħdu eżempju ħafif, biex tmorru fil-Milied tas-sena, ngħidu aħna 2001, tridu tagħfsu n-numri 25 12 2001. Issa stennew ftit u ma niġrux. Hemm proċedura li trid issir qabel tivvjaġġaw fiż-żmien, u naturalment tridu tkunu tafu kif tiġu lura. Mela din għalik, Fabrizio. Inti l-kbir. Il-mowbajl taż-żmien għandu jkun dejjem f'idejk. Tagħfas il-buttuna l-ħadra wara li tkun għafast in-numri sabiex tkunu tistgħu titilqu, tagħfas dik ħamra biex tiġu lura. Le, le, serrħu moħħkom. M'hemmx għalfejn data biex tiġu lura. Kemm tagħfas il-buttuna l-ħamra. Mela jekk tinqala' xi ħaġa, malajr tistgħu tagħfsu dik il-buttuna, u tiġu lura." *(par. 4)*

*Addattata minn* Mowbajl: Tibda l-Avventura *ta' Andrew Borg*

## Taqsima 12: Ħlejjaq tal-baħar

*Paġna 84*

**Il-baleni**

Il-baleni huma l-akbar annimali fid-dinja. Għalkemm jidhru qishom ħut, il-baleni huma mammiferi. Għall-kuntrarju ta' ħafna mill-mammiferi, il-baleni m'għandhomx pil fuq ġisimhom. *(par. 1)*

**Toqba fuq rashom**

Il-mammiferi ma jistgħux jieħdu nifs taħt il-baħar. Dan jgħodd ukoll għall-baleni. Biex jieħdu n-nifs il-baleni jitilgħu fil-wiċċ u jieħdu n-nifs minn toqba li għandhom fuq rashom. Meta jonfħu n-nifs 'il barra jisparaw ħafna ilma minn din it-toqba. Baleni differenti jarmu dan l-ilma b'modi differenti. Il-mod ta' kif jiġi sparat l-ilma minn din it-toqba jurik x'tip ta' balena hemm taħt wiċċ il-baħar. *(par. 2)*

**Enerġija**

Minkejja li huma annimali kbar ħafna, il-baleni xorta huma fuq tagħhom. Uħud minnhom ġieli jintlemħu jinqatgħu mill-ilma u jaqgħu b'sabta kbira. Ħadd ma jaf eżatt għal liema raġuni jagħmlu dan. Meta jgħoddsu, il-baleni jgħollu denbhom 'il fuq mill-ilma. B'hekk jgħoddsu iktar fil-fond. *(par. 3)*

**Id-dniefel**

Id-dniefel huma mammiferi li jgħixu f'ibħra u oċeani madwar id-dinja. Id-dniefel kapaċi jgħumu sa 40 kilometru fis-siegħa u ta' spiss jgħixu fi gruppi kbar. Huma fost l-iktar annimali intelliġenti li jgħixu fil-baħar. Ġliba dniefel tista' tkun ta' iktar minn mitt denfil. Mhux l-ewwel darba li ntlemħu dniefel fl-ibħra ta' madwar il-gżejjer Maltin. Id-dniefel iħobbu l-kumpanija u jiddejqu weħidhom. *(par. 4)*

**Kif jieħdu n-nifs**

Id-dniefel jieħdu n-nifs barra mill-ilma u għalhekk meta jitwieled denfil ommu jkollha tieħdu malajr qrib wiċċ il-baħar u tgħallmu kif jieħu n-nifs. Inkella jegħreq. *(par. 5)*

**Ħsejjes**

Id-dniefel jagħmlu ħoss li jivvjaġġa fil-baħar u jsibu triqithom fil-baħar billi jagħmlu ħsejjes li jirbumbjaw. Huma jisimgħu d-diwi tal-ħsejjes tagħhom u b'hekk ikunu jafu x'hemm madwarhom. Id-dniefel jużaw l-istess metodu biex jaqbdu l-ħut. Meta l-ħoss jaħbat mal-ħut jerġa' lura bħal eku. Isiru jafu fejn huwa l-ħut meta jisimgħu l-eku. *(par. 6)*

**Logħob u divertiment**

Id-dniefel huma għawwiema tajba ħafna u m'għandhomx kwiet f'ġisimhom. Iħobbu jaqbdu ma' xulxin. Ġieli jaqbżu qabża kbira 'l barra mill-baħar u jagħmlu xi gabirjola jew tnejn! Xi dniefel kapaċi jogħlew sa tliet metri 'l fuq minn wiċċ il-baħar u jagħmlu seba' gabirjoli fl-ajru! *(par. 7)*

*Addattata minn* Enċiklopedija għat-Tfal, *addattament għall-Malti ta' Pierre J. Mejlak*

## Taqsima 14: Il-belt siekta

*Paġna 99*

L-Imdina hija l-eqdem belt ta' Malta. Ħafna jirreferu għaliha wkoll bħala l-Belt Siekta. Hawn insibu diversi palazzi ta' familji nobbli Maltin, kif ukoll il-knisja ewleniija tal-Arċidjoċesi ta' Malta – Il-Katidral ta' San Pawl. Partijiet minnu nqerdu matul it-terremot tas-sena 1693. Biswit din il-knisja nsibu l-Palazz tal-Arċisqof, kif ukoll il-Mużew tal-Katidral. *(par. 1)*

**Storja**

L-Imdina x'aktarx ħadet il-forma tagħha fi żmien Biżantin jew Għarbi, meta ġiet imċekkna u saret kif nafuha llum. L-Imdina hi mdawra bis-swar, li kienu l-uniku wens li kellu l-poplu kollu tal-gżira mill-attakki tal-pirati. Fid-daħla prinċipali nsibu Bieb l-Imdina u fuqu tista' tara l-arma tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena. Insibu żewġ bibien oħra li minnhom tista' tidħol għal din il-belt. Wieħed mill-bibien jissejjaħ Bieb il-Griegi u l-ieħor huwa bieb sekondarju li qiegħed fil-ġenb ta' din il-Belt. Sfortunatament, uħud mill-binjiet medjevali ewlenin iġġarrfu bit-terremot tal-1693. Minflokom inbnew binjiet fi stil ta' barokk. *(par. 2)*

**Ismijiet**

Din il-belt ingħatat diversi ismijiet matul iż-żminijiet. Il-Feniċi tawha l-isem ta' Maleth li tfisser belt protetta. Dan minħabba s-swar u t-toroq imserrpin li kienu jagħmluha diffiċli għall-għadu meta kien jattakka. Ir-Rumani sejħulha Melita, li tfisser ninfa. Dan aktarx ingħata minħabba t-tkabbir tan-naħal, li kien industrija importanti f'dawk iż-żminijiet. L-Għarab tawha l-isem ta' Medina, li tfisser belt. *(par. 3)*

**Postijiet**

Hemm diversi binjiet oħra, bħall-Palazz Vilhena li llum huwa l-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali. Hemm ukoll tliet kunventi: il-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani, tas-Sorijiet Dorotej u tas-Sorijiet ta' San Benedittu. *(par. 4)*

**Turiżmu**

L-Imdina hija belt turistika. Għalhekk naraw restoranti, ħwienet tax-xorb u ikel, kif ukoll numru sabiħ ta' ħwienet li jbigħu s-suvenirs. Minn ħin għall-ieħor wieħed jista' jara xi karozzin dieħel u ħiereġ bil-kuċċier u numru ta' turisti fih. *(par. 5)*

*Addattata minn Sagħtar*